# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

# MINUTI

# SEDUTA NRU 253 – It-Tnejn 8 t'Ottubru, 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Is-Sinj. Mariette Borg
Is-Sur Mario Cachia
Il-Viċi-Sindku s-sur Ryan Callus
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 252 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2 FINANZI

### 2.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**2.2 Rapport Finanzjarju Jannar-Ġunju 2012**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-kontijiet għall-ewwel nofs tas-sena. Huwa qal li filwaqt li d-dħul kien ta' €454,291 in-nefqa rikurrenti kienet ta' €339,045. B'hekk kien baqa' bilanċ ta' €115,246.

Madankollu billi n-nefqa kapitali kienet waħda sostanzjali minħabba infiq fuq iċ-Ċentru Ċiviku, il-ħlasijiet tal-PPP kif ukoll resurfacing ieħor, il-*working capital* kellu żbilanċ ta' €75,494.

Is-Sindku ikkumenta li matul din is-sena kellna diversi attivitajiet kulturali kif ukoll spejjeż oħra straodinarji. Dan ifisser li biex nispiċċaw is-sena finanzjarja mingħajr żbilanċ, fl-aħħar xhur tas-sena irridu nikkontrollaw l-infiq tal-Kunsill.

# 3 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

**3.1 Għar Lapsi**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li ġie inkarigat mill-Perit Ray Farrugia, DG fl-MRRA, biex jikkuntattja s-sidien ta' diversi għerien biex jipprovdu aċċess ħalli jkun jista' jsir survey, sfortunatament wieħed biss mis-sidien. Dan qed ixekkel biex isir pjan ta' x'jista' jsir. Is-Sindku qal li kien se jkellimhom hu personalment.

**3.2 Stallazzjoni ta' lqugħ għat-troll tal-Girgenti**

Il-Sindku qal li kien kiteb lid-DG fl-MRRA biex jara din it-tiswija issir mill-ħaddiema tal-Works Division. Fil-kas li t-tweġiba tkun fin-negattiv, din issir mill-Kunsill.

# 5 HWEJJEĠ OHRA

**5.1 Ċentru Ċiviku**

Is-Sindku qal li wara li ħarġet is-sejħa tal-*European Regional Development Fund,* Cohesion Policy 2007 – 2013, Operational Programme I, il-Kunsill qed iħejji l-applikazzjoni bil-għajnuna tal-MEUSAC u l-konsulenta Maria Schembri.

Huwa kompla jgħid li bħala prassi l-MEUSAC jitolbu depożitu ta' €500 li jingħata lura meta l-applikazzjoni tkun iddaħħlet. Huwa ippropona li jsir dan il-ħlas.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.2 Parkeġġ f'Għar Lapsi**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar staqsa x'kienet is-sitwazzjoni tal-parkeġġ f'Għar Lapsi wara li TM kienet ħabbret li se ssir il-privatizazzjoni tiegħu.

Is-Sindku qal li wara li kienet ippublikata s-sejħa għall-offerti tal-ispazji għall-parkeġġi, u deher li l-parkeġġ ta' Għar Lapsi kien idaħħal f'din is-sejħa, u billi f'Għar Lapsi qatt ma kien hemm parker assennjat, huwa għamel kuntatt ma' Transport Malta, u Għar Lapsi ġie irtirat immedjatament mil-lista.

**5.3 *Boundary wall* fi Triq Dr Nikola Zammit**

Is-Sindku qal li wieħed seta' jinnota li inbena ċint fi propjetà tal -Awtorità tad-Djar li tinsab fi Triq Dr Nikola Zammit, Triq Dun Manwel Zammit u Triq l-Imdina. Huwa qal li kien kiteb lis-CEO tal-Awtorità dwar din il-materja.

**5.4 Tilqima tal-Influwenza**

Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo informa lill-Kunsill li kienu inkitbu madwar 400 persuna biex jirċievu t-tilqima tal-influwenza fil-Kunsill Lokali.

**5.5 Tindif ta' bus shelters**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti saħaq li għandu jsir tindif regolari tal-bushelters

**5.6 Triq il-Girgenti**

Il-Kunsillier Mario Cachia qal li hemm il-ħtieġa li l-imsemmija triq issir *one way*. Is-Sindku qal li kien se jiddiskuti din il-materja ma' Transport Malta.

**5.7 *Pedestrian Crossings***

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issuġġerixxa li l-*pedestrian crossings* fi Triq il-Għid, u dawk fit-tarf ta' Triq Dr Nikola Zammit għandhom jiġu spsusjati biex jiġi evitat kull periklu. Is-Sindku stieden lill-istess kunsillier biex jissuġerixxi eżatt fejn għandhom jiġu spustjati.

**5.8 Triq Dun Manwel Zammit**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar staqsa x'kien l-eżitu tad-diskussjonijiet li saru mal-kuntrattur u l-perit dwar interventi meħtieġa f'din it-triq.

Is-Sindku qal li lill-kuntrattur Philip Agius & Sons kiteb lill-Kunsill fejn informa "li wara diversi laqgħat mal-Kunsill Lokali kif ukoll numru ta' spezzjonijiet li saru f'parti minn Triq Dun Manwel Zammit flimkien mal-Perit David Vassallo u s-*surveyor* imqabbad minnu, u wara li tkejlu l-livelli mill-istess *surveyor,* jirriżulta b'mod ċar li l-mod kif inhu l-pendil tat-triq, huwa diffiċli ħafna li jsiru interventi mingħajr ma jkun eleminat b'mod sħiħ il-periklu li l-problema preżenti (iġifieri r-roqgħa fejn qed joqgħod l-ilma), minflok tissolva tiġi spusjata aktar 'l isfel quddiem residenti oħra. F'dan il-każ ix-xogħol ikun sar għalxejn u l-ispiża trid xorta waħda titħallas mill-Kunsill.

"Għalhekk minħabba dawn ir-ragunijiet, bħala l-kuntrattur tal-Kunsill, ma jidhirlix li għandi nwettaq dawn ix-xogħlijiet li fil-fehma tiegħi m'humiex ser isolvu l-problema tal-ilma li joqgħod quddiem numru ta' residenzi fi Triq Dun Manwel Zammit."

Is-Sindku qal li r-residenti in kwistjoni jistgħu jiġu infurmati b'dan l-eżitu.

**5.9 Parking Bays f'diversi toroq**

Il-Kunsilliera Mariette Borg qalet li kienet irċeviet diversi talbiet biex isiru parking bays f'diversi toroq b'mod partikolari fi Triq Salvo Curso.
Is-Sindku qal li wieħed irid jifhem li għalkemm ikabbru x-xogħol ta' manutenzjoni tagħhom, dawn jistgħu isiru skont il-prassi li qed tintuża iġifieri li jsiru l-kaxxi sofor quddiem il-garaxxijiet u l-kumplament isiru kaxxi bojod b'sinjali maqtugħin.

**5.10 Arriva/Triq il-Knisja l-Qadima**

Il-Viċi-Sindku qal li kienu qed jaslulu diversi ilmenti dwar il-fatt li t-trasport pubbliku qed jgħaddi minn Triq il-Knisja l-Qadima u jekk hux possibli li tinstab triq alternattiva. Is-Sindku qal li l-alternattiva hija li jgħaddu minn Triq il-Qajjied. Huwa kompla jgħid li se jiddiskuti din il-materja ma' Transport Malta.

**5.11 Skema persuni b'diżabilità**

Il-Viċi-Sindku staqsa jekk l-applikazzjoni għal din l-iskema kinitx saret bis-Segretarju Eżekuttiv iwieġeb fl-affermattiv.

**5.12 Attivitajiet għall-Anzjani**

Il-Viċi-Sindku staqsa li diversi anzjani urew ix-xewqa li għalkemm ma jattendux iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, xorta waħda xtaqu jipparteċipaw fil-ħarġiet li jsiru għall-anzjani.
Is-Sindku wieġeb li b'differenza għal kif kien isir qabel, dawn l-attivitajiet mhumiex organizzati mill-Kunsill imma mill-istaff taċ-Ċentru. Madankollu talab lis-Segretarju Eżekuttiva jikkomunika mal-istaff u jara jekk din it-talba tkunx tista' tiġi milqugħa.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 22 t' Ottubru 2012 fis-7.00 p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 22 t'Ottubru 2012.**

Kunsill Lokali Siggiewi

Skeda Nru. 253

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta’ Xiri u Pagamenti

**Data: 12/8/12-8/10/12**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | k.aquilina | €641.83 | €641.83 | | pf | honoraria sept12 | 30/09/12 | | | | 1100 | 0 |
| 2 | n.baldacchino | €121.13 | €121.13 | | pf | bonus sept12 | 30/09/12 | | | | 1400 | 0 |
| 3 | r.giorgino | €121.13 | €121.13 | | pf | bonus sept12 | 30/09/12 | | | | 1400 | 0 |
| 4 | m.muscat | €121.13 | €121.13 | | pf | bonus sept12 | 30/09/12 | | | | 1400 | 0 |
| 5 | a. borg | €85.70 | €85.70 | | pf | bonus sept12 | 30/09/12 | | | | 1400 | 0 |
| 6 | employees | €4,503.71 | €4,503.71 | | pf | salaries sept12 | 30/09/12 | | | | 1200 | 0 |
| 7 | cir | €1,692.68 | €1,692.68 | d | pf | cir sept 12 | 30/09/12 | | | | | 9232 |
| 8 | avantech | €5.50 | €5.50 | d | pf | 2 toner for photcopier tax only | 1.10.12 | 157554 | | 139/12 | 2620 | 9235 |
| 9 | r.attard | €3,538.25 | €3,538.25 | k | pf | street sweeping sept12 | 1.10.12 | 2838 | | | 3051 | 9233 |
| 10 | antonia aquilina | €101.66 | €101.66 | d | pf | attendance library sept12 | 1.10.12 | 09-Dec | | | 2995 | 9236 |
| 11 | central asphalt | €3,247.48 | €3,247.48 | k | pf | material for patching | 28.9.12 | 44386 | | | 2310 | 9237 |
| 12 | ecopure | €8.50 | €8.50 | d | pf | water for dispenser | 20.9.12 | 527463 | | | 2220 | 9238 |
| 13 | milord | €3,753.46 | €3,753.46 | k | pf | cleaning non urban sept12 | 1.10.12 | 283 | 23/10. | | 3052 | 9239 |
| 14 | nexos | €2,749.93 | €2,749.93 | k | pf | repair street lighting | 27.9.12 | 2010415 | | | 2372 | 9240 |
| 15 | go | €31.16 | €31.16 | d | pf | 21465799/21465805 aug12 | 10.9.12 | 29083705 | | | 2160 | 9241 |
| 16 | go | €34.94 | €34.94 | d | pf | adsl sept12 | 10.9.12 | 29083618 | | | 2160 | 9241 |
| 17 | go | €135.09 | €135.09 | d | pf | 21468874 aug12 | 10.9.12 | 29083618 | | | 2160 | 9241 |
| 18 | go | €160.64 | €160.64 | d | pf | 21466000/21466036 aug12 | 10.9.12 | 29083618 | | | 2160 | 9241 |
| 19 | go | €19.69 | €19.69 | d | pf | 21462946 aug12 | 10.9.12 | 29083640 | | | 2160 | 9241 |
| 20 | smart office | €87.26 | €87.26 | d | pf | cleaning material | 11.9.12 | 13034548 | | 135/12 | 2220 | 9242 |
| | **Sub Total c/f** | **€21,160.87** | **€21,160.87** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€21,160.87** | **€21,160.87** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 253 tal-8/10/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier

**Data:** **12/8/12-8/10/12**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | vodafone | €92.70 | €92.70 | d | pf | 99762218 aug12 | 01/09/12 | 49092012 | | | 2160 | 9243 |
| 22 | vodafone | €71.98 | €71.98 | d | pf | 99491670 aug12 | 01/09/12 | 48092012 | | | 2160 | 9243 |
| 23 | ministry home affairs | €32.50 | €32.50 | d | pf | advert tender 19/9/12 | 14/09/12 | 19.9.12 | 25.12 | | 2940 | 9244 |
| 24 | doi | €9.32 | €9.32 | d | pf | advert tender 19/9/12 | 14/09/12 | 18.9.12 | 25.12 | | 2940 | 9245 |
| 25 | louis stationery | €105.10 | €105.10 | d | pf | stamps | 15/09/12 | 296 | | | 2650 | 9246 |
| 26 | pierre farrugia | €37.50 | €37.50 | d | pf | minerals | 18/09/12 | 64 | | 137/12 | 3310 | 9247 |
| 27 | rj video productions | €306.80 | €306.80 | d | pf | filming/editing opening civic centre | 05/09/12 | 509/2012 | | | 2376 | 9248 |
| 28 | b.grima | €1,139.88 | €1,139.88 | d | pf | road marking paint | 19/09/12 | 3242 | | 140/12 | 2314 | 9249 |
| 29 | j.bonello | €175.00 | €175.00 | d | pf | folklore group festa gheneb | 25/09/12 | 26.8.12 | | | 3370 | 9250 |
| 30 | m. fenech soler | €200.00 | €200.00 | d | pf | course tuition KLZ photography | 06/09/12 | 06/09/2012 | | 141/12 | 2521 | 9251 |
| 31 | outlook co-op | €660.80 | €660.80 | d | pf | course tuition KLZ entrepreneurship | 24/09/12 | 11438 | | 134/12 | 2521 | 9257 |
| 32 | pyramid enterprises | €123.50 | €123.50 | d | pf | screens project | 22/09/12 | 03-Jun | | | 3331 | 9252 |
| 33 | blue creek | €42.40 | €42.40 | d | pf | lunch delegate screens project | 19/09/12 | 1402 | | | 3331 | 9253 |
| 34 | partygoods | €200.00 | €200.00 | d | pf | baloon decorations sports day | 21/09/12 | 5111 | | 142/12 | 3377 | 9254 |
| 35 | the notebook centre | €50.00 | €50.00 | d | pf | sound card | 11/09/12 | ########## | | 143/12 | 2620 | 9255 |
| 36 | melchior pace | €59.00 | €59.00 | d | pf | photo service festa gheneb | 26/08/12 | 26-8-12-1 | | | 3370 | 9256 |
| 37 | kevin casha photography | €141.60 | €141.60 | d | pf | course tuition KLZ photography | 20/09/12 | | | 129/12 | 2521 | 9258 |
| 38 | p.cutajar | €86.00 | €86.00 | d | pf | 2 boxes coffee | 27/09/12 | 634037 | | | 3310 | 9259 |
| 39 | cassie cutajar | €115.20 | €115.20 | d | pf | clerikal work saturdays sept12 | 30/09/12 | 09-Dec | | 144/12 | 2650 | 9260 |
| 40 | wasteserve | €4,502.80 | €4,019.17 | k | pp | msw waste aug12 | 15/09/12 | 27386 | | | 3040 | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€8,152.08** | **€7,668.45** |
| **Sub Total b/f** | **€21,160.87** | **€21,160.87** |
| **Total** | **€29,312.95** | **€28,829.32** |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 253 tal-8/10/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta’ Xiri u Pagamenti

**Data:** **12/8/12-8/10/12**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | rapid exchange | €74.00 | €74.00 | d | pf | polo shirts sports day | 20/07/12 | 14919 | | 106/12 | 3377 | 9261 |
| 42 | alex camilleri | €1,092.00 | €1,092.00 | k | pf | cleaning ghar lapsi bay july-sept12 | 01/10/12 | 65 | | | 3063 | 9263 |
| 43 | xuereb bros | €598.50 | €598.50 | k | pf | bulky refuse sept12 | 02/10/12 | 7890823 | | | 3041 | 9270 |
| 44 | xuereb bros | €5,711.41 | €5,711.41 | k | pf | waste collection sept12 | 02/10/12 | 7890824 | 29/09. | | 3042 | 9264 |
| 45 | n.baldacchino | €102.00 | €102.00 | d | pf | petrol expenses sept12 | 01/10/12 | 09-Dec | | | 2760 | 9234 |
| 46 | alex camilleri | €847.43 | €847.43 | k | pf | public conveniences sept12 | 01/10/12 | 64 | | | 3053 | 9263 |
| 47 | callus landscapes | €1,557.30 | €1,557.30 | k | pf | planting public spaces sept12 | 30/09/12 | 9 | | | 3061 | 9262 |
| 48 | aaron borg | €552.72 | €552.72 | d | pf | gigapen epic for photography course KLZ | 28/08/12 | 9358-7702 | | | 2521 | 9265 |
| 49 | grace mizzi | €165.43 | €165.43 | d | pf | cleaning council premises sept12 | 01/10/12 | 09-Dec | | | 3055 | 9266 |
| 50 | access point | €236.00 | €236.00 | d | pf | it virtual pack oct12 | 01/10/12 | 2976 | | | 3110 | 9267 |
| 51 | meusec | €500.00 | €500.00 | d | pf | deposit as per agreement | | | 28/12. | | 2376 | 9269 |
| 52 | j.gatt | €828.03 | €828.03 | k | pf | supervisor of works aug12 | 01/09/12 | 08.12. | | | 3120 | 9268 |
| 53 | j.gatt | €853.86 | €853.86 | k | pf | supervisor of works sept12 | 01/10/12 | 09.12. | | | 3120 | 9268 |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€13,118.68** | **€13,118.68** |
| **Sub Total b/f** | **€29,312.95** | **€28,829.32** |
| **Total** | **€42,431.63** | **€41,948.00** |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 253 tal-8/10/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier